MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-13 ta' Frar, 2015

Numru 155/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Roderick Delia**

**(ID 158681(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Roderick Delia, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 158681(M):

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fis-17 ta’ Frar 2009 u zmien qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu;

c) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (methadone) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x’Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-

Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali numru 22 tal-1985 kif emendati;

d) Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe` kontra PC 213 Nikolai Borg waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi u dan ai termini tal-Artikolu 96(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PC 213 Nikolai Borg waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu jew ma halliehx jew fixklu waqt il-qadi ta' dmirijietu ai termini tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) U fl-ahharnett talli b'hekk irrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. A. Mizzi datata 9 ta' Marzu 2005, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat illi waqt l-ezami tieghu[1], l-imputat wiegeb illi m'huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

[1] A fol. 14 tal-process.

Rat ukoll fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Fix-xhieda tieghu, **PC 213 Nicolai Borg**[2] qal illi nhar is-17 ta' Frar 2009, ghall-habta tal-10.30 a.m., wara informazzjoni li kellhom dwar l-imputat, hu flimkien ma' pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga raw lill-istess imputat ma' huh, certu Marco Delia, ghaddejjin gewwa vettura hdejn l-Ghassa ta' Haz Zabbar, tawh cans jipparkja u hekk kif dawn hargu mill-vettura u bdew mexjin lejn l-istess ghassa, il-pulizija marru fuqhom. Skond ix-xhud, hekk kif huwa mar fuq l-imputat u nfurmah li hu pulizija, l-istess imputat ta s-salt u kien ser jipprova jahrab, izda x-xhud qabadlu jdejh, f'liema punt l-imputat beda jaghtih daqqiet ta' ras. Ix-xhud qal ukoll illi huwa beda jersaq lura biex jevita li l-imputat jolqtu f'wiccu, izda dan beda jaghtih daqqiet ta' ras fuq in-naha tal-lemin ta' sidru, tant li kellhom jghinuh il-kollegi tieghu sabiex ikunu jistghu jikkontrollaw lill-imputat. Ghalkemm infurmaw lill-istess imputat li kienu pulizija u bdew jghidulu sabiex jieqaf, huwa baqa' jirrezisti l-arrest. Ix-xhud qal illi dak il-hin, l-imputat beda jipprova jdahhal idejh fil-but, f'liema punt, l-istess xhud qabadlu jdejh u mill-but hariglu bott tal-pilloli. L-imputat gie kkontrollat u ttiehed gewwa l-ghassa, fejn fil-presenza tal-istess imputat, ix-xhud fetah il-bott, liema bott kien jikkontjeni boroz tal-*plastic* bi trab suspettat droga. PC 213 qal ukoll illi stante illi huwa kien xi ftit mugugh wara dan l-incident, kien is-Surgent li

[2] A fol. 31 *et seq* tal-process.

kompla b'din l-investigazzjoni. In kontro-ezami[3], ix-xhud qal illi l-imputat kien gie arrestat minn hdejn il-*bus terminus*, li dak il-hin kien ma' huh u li minn fuq il-persuna ta' huh elevaw xi siringi li jekk jiftakar sew, kienu wzati, ghalkemm wara qal li ma jiftakarx ezatt jekk kinux uzati jew le. Ix-xhud ma ftakarx l-ammont ta' siringi in kwistjoni u lanqas jekk kinux gol-*plastic.*

Fix-xhieda tieghu, **PC 1319 Matthew Xuereb**[4] xehed illi fil-jum in kwistjoni, mill-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz Zabbar, innuttaw il-vettura tal-imputat tipparkja fil-vicinanzi tal-istess ghassa. Mill-vettura nizlu l-imputat u huh, Marco Delia u hekk kif dawn bdew mexjin lejn id-direzzjoni tal-pjazza, gew imwaqqfa mill-pulizija. Ix-xhud qal illi hekk kif identifikaw ruhhom bhala pulizija, l-imputat sar aggressiv u beda jaghti daqqiet bir-ras lil PC 213, tant illi huwa kellu jhalli lil Marco Delia biex jassisti lill-istess PC 213 u jarrestaw lill-imputat. Qal ukoll illi waqt illi l-imputat baqa' jirrezisti l-arrest, setghu jinnutaw illi huwa beda jdahhal idejh fil-but u PC 213 hariglu bott tal-*plastic* mill-but. Meta kkalma, l-imputat ittiehed gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zabbar flimkien ma' huh, fejn infetah l-imsemmi bott, li kien fih xi qratas bi trab suspettat droga. In kontro-ezami[5], ix-xhud qal illi dakinhar li gie arrestat, l-imputat kien ma' huh Marco Delia u li minn fuq il-persuna tieghu elevaw xi siringi wzati. Ma ftakarx jekk kienx hemm xi siringi godda.

Fix-xhieda tieghu, **PS 1174 Adrian Sciberras**[6] xehed illi fuq struzzjonijiet sabiex hu u l-kollegi tieghu jaghmlu tfittxija gewwa l-pjazza ta' Haz-Zabbar, hu flimkien ma' PC 213 u PC 1319 waqqfu lill-imputat, f'liema mument l-istess imputat ipprova jhebb ghal PC 213 u beda jaghtih bir-ras. Huma rnexxielhom izommu lill-imputat u minn go jdejh, PC 213 hadlu bott tal-*plastic* li kien fih pakketti b'sustanzi suspettati droga. Sussegwentement, ix-xhud flimkien ma' PC 1213, marru fid-dar tal-imputat u mill-kamra tieghu elevaw flixkun tal-*plastic* u kontenitur tal-*plastic* li kien fihom likwidu ahdar suspettat *methadone*. In

[3] A fol. 83 *et seq* tal-process.
[4] A fol. 34 *et seq* tal-process.
[5] A fol. 86 *et seq* tal-process.
[6] A fol. 43 *et seq* tal-process.

kontro-ezami[7], ix-xhud qal illi l-imputat kien twaqqaf fil-pjazza ta’ Haz-Zabbar u mieghu kien hemm huh, Marco Delia. Minn fuq dan tal-ahhar, kienu gew elevati xi siringi, izda la kien jiftakar l-ammont ta’ dawn is-siringi u lanqas jekk kinux uzati, ghalkemm qal li jista’ jkun li kienu wzati.

**L-Ispettur Victor Aquilina** xehed[8] dwar dak li wassal ghall-arrest tal-imputat u l-investigazzjoni tieghu u esebixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat, somma ta’ Eur 85 li, skond l-istess xhud, instabet fuq il-persuna tal-imputat u somma ta’ Eur 60, li wkoll skond l-istess xhud, instabu f’*pouch* fil-vettura.

Issa l-istqarrija tal-imputat ittiehdet fiz-zmien meta l-istess imputat ma kellux id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni tieghu, liema dritt dahal fis-sehh fl-10 ta’ Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010. Ghalkemm id-difiza, fl-ebda stadju ma talbet l-isfilz ta’ din l-istqarrija, din il-Qorti, in linea mal-izviluppi Kostituzzjonali, ossia tenut kont tal-eta’ tal-imputat meta huwa gie interrogat u ttiehdet l-istqarrija tieghu u l-fedina penali tieghu li dak iz-zmien, diga` kienet tinkludi sentenza ta’ prigunerija effettiva in konnessjoni ma’ varji reati li jinvolvu d-droga, tqis l-istess stqarrija bhala prova ammissibbli.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu[9], nhar it-18 ta’ Frar 2009, wara li nghata s-solita twissija li kellu dritt li jibqa’ sieket, izda dak li jghid jista’ jingieb bhala prova, l-imputat qal illi ma jahdimx, li mhux mizzewweg u li kien maghruf bhala Pajpaj u mill-bqija ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda li saritlu, kif kellu kull dritt li jaghmel. Fix-xhieda taghha[10], WPS 12 Andrea Grech, xhud tal-istess stqarrija, ikkonfermat illi qabel l-interrogatorju tieghu, l-imputat inghata s-solita twissija mill-Ispettur Victor Aquilina.

---

[7] A fol. 79 *et seq* tal-process.
[8] A fol. 23 *et seq* tal-process.
[9] A fol. 26 *et seq* tal-process.
[10] A fol. 29 tal-process.

Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[11], jirrizulta illi huwa kkonkluda s-segwenti dwar id-dokumenti li gew mghoddija lilu ghall-analizi: a) fl-estratti mehuda mit-trab ta’ lewn abjad, instabet is-sustanza kokaina, il-piz totali tat-trab kien ta’ 2.77 grammi u l-purita` kienet ta’ cirka 27%; b) fl-estratti mehuda mit-trab ta’ lewn kannella, instabet is-sustanza eroina, il-piz totali tat-trab kien ta’ 1.98 grammi u l-purita` kienet ta’ cirka 35%; c) fl-estratti mehuda mil-likwidu ta’ lewn ahdar, instabet is-sustanza *Methadone*, liema sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima 1, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Ikkunsidrat ukoll:**

L-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet huma fis-sens illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu d-drogi kokaina u eroina, f’tali cirkostanzi li juru li din id-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva illi l-Ufficjal Prosekutur esebixxa zewg somom ta’ flus – is-somma ta’ Eur 85 u s-somma ta’ Eur 60 rispettaviment – li skond ix-xhieda tieghu, gew misjuba in kwantu ghall-ewwel somma, fuq il-persuna tal-imputat u in kwantu ghat-tieni somma, f’*pouch* fil-vettura li kienet misjuqa mill-imputat, ghalkemm din kienet tghajjat lil huh li dak il-hin kien prezenti mieghu.  Ukoll skond ix-xhieda tal-istess Spettur, meta l-pulizija staqsew lill-imputat ta’ min kienu l-flus misjuba fil-*pouch*, dan wiegeb li kienu tieghu. Skond ix-xhieda ta’ PC 213, kemm l-imputat, kif ukoll huh kienu fil-vettura, ftit mumenti qabel l-arrest tal-imputat.  Issa f’dan ir-rigward, il-Qorti tinnota li din ix-xhieda tal-Ispettur Victor Aquilina hija biss *hearsay evidence*, ghaliex apparti illi l-istess Spettur ma kienx prezenti waqt is-sejba ta’ dawn il-flus, l-ufficjali tal-Pulizija li kienu prezenti ghal din it-tfittxija u li elevaw l-imsemmija flus ma xehdux dwar dan il-punt, u ghalhekk mill-atti la tirrizulta l-prova diretta dwar minn fejn dawn gew elevati u wisq inqas dwar dak li seta’ qal l-imputat dwarhom lill-istess ufficjali tal-Pulizija fil-mument li dawn instabu jew f’xi

[11] A fol. 51 tal-process.

mument iehor wara.  Lanqas fl-istqarrija tieghu, l-imputat ma kkorroborax dak li qal l-Ufficjal Prosekutur dwar din is-sejba, ghaliex baqa' ma wegibx ghad-domandi li sarulu dwar dan il-punt, kif kellu kull dritt li jaghmel.  Ghalhekk la darba l-atti huma privi minn xhieda diretta li tikkonferma dak li jghid l-Ufficjal Prosekutur dwar dak li nstab u dak li ntqal mill-imputat f'dan ir-rigward, il-Qorti tqis din il-parti tax-xhieda tal-istess Ufficjal Prosekutur bhala *hearsay evidence* u bhala tali, inammissibbli.

Stabbilit dan il-punt, il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra l-ewwel zewg imputazzjonijiet.  Dwar ir-reat tal-pussess bl-aggravanti, intqal hekk fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata.  Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur.  Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."*

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, *"kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi.  Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon*

*sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Illi f'dan il-kaz m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi fis-17 ta' Frar 2009, l-imputat instab fil-pussess ta' numru ta' qratas li kien fihom trab kannella u trab abjad – u skond ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirrizulta illi dan it-trab kien jikkontjeni droga eroina u kokaina - liema qratas kienu jinsabu fuq il-persuna tal-istess imputat. Id-difiza tikkontendi illi l-imputat kellu l-vizzju tad-droga u li allura d-droga misjuba fil-pussess tieghu kienet intiza biss ghall-uzu personali tieghu. Fi kliem iehor, dak li qeghda tikkontesta d-difiza huwa l-pussess aggravat tal-istess droga.

Issa fil-fehma tal-Qorti, jirrizulta mix-xhieda tal-Ufficjal tal-*Probation* tal-1 ta' Frar 2010[12] li giet appuntata minn din il-Qorti kif diversament preseduta, sabiex issegwi lill-imputat fuq Ordni Temporanja ta' Supervizjoni, illi l-imputat dak iz-zmien kellu l-vizzju tad-droga, li sa dak iz-zmien kien jammetti maghha li kien ghadu qed jabbuza mid-droga b'mod regolari u li ghalkemm hi heggietu sabiex ifittex l-ghajnuna, biss huwa ma riedx jaf b'dan. In oltre instabet ukoll is-sustanza *methadone* fil-kamra tas-sodda tal-imputat – sustanza li ghalkemm hija kontrollata mil-ligi, tinghata bhala kura lill-persuni li jabbuzaw mid-droga. Id-difiza taghmel accenn ukoll ghall-fatt illi hu l-imputat, Marco Delia, kellu xi siringi x'aktarx uzati fil-pussess tieghu, liema fatt jindika li x'aktarx Marco Delia kien ukoll jabbuza mid-droga u li jista' jkun li l-imputat u huh kienu jabbuzaw mid-droga flimkien.

Biss il-fatt illi fiz-zmien in kwistjoni, l-imputat kellu l-vizzju tad-droga – anke jekk il-vizzju kien wiehed qawwi, ghalkemm il-grad tal-vizzju tal-imputat ma jirrizultx mill-atti lanqas sal-grad tal-probabbli - ma jeskludix necessarjament illi d-droga li nstabet fil-pussess tieghu ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu. Kif inghad fis-sentenzi fuq citati, il-Qorti trid tevalwa c-cirkostanzi kollha li fiha nstabet id-droga in kwistjoni u jekk minkejja li jirrizultalha li fl-istess zmien, l-

[12] A fol. 60 *et seq* tal-process.

imputat kien jaghmel huwa stess uzu mill-istess droga, tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, a bazi tal-provi li jitressqu quddiemha, illi dak il-pussess tad-droga ma kienx ghall-uzu esklussiv ossia ghall-uzu biss tal-imputat, allura l-Qorti ghandha ssib htija tal-pussess tad-droga bl-aggravanti.

Issa f'dan il-kaz, kif inghad l-imputat instab fil-pussess ta' hmistax-il qartas bid-droga kokaina u disat iqratas bid-droga eroina u dan waqt li kien qieghed gewwa Haz-Zabbar, vicin l-Ghassa u l-pjazza tal-istess lokalita`. Skond ir-relazzjoni tax-Xjenzat, Godwin Sammut, il-pizijiet tal-qratas in kwistjoni kienu s-segwenti in kwantu jirrigwarda t-trab kontenenti d-droga kokaina: 0.13 grammi, 0.14 g, 0.17 g, 0.17 g, 0.18 g, 0.18 g, 0.17 g, 0.15 g, 0.15 g, 0.35 g, 0.32 g, 0.18 g, 0.20 g, 0.14 g u 0.14 g. In kwantu jirrigwarda t-trab kontenenti d-droga eroina, il-qratas kellhom s-segwenti pizijiet: 0.34 g, 0.20 g, 0.24 g, 0.16 g, 0.20 g, 0.23g, 0.21 g, 0.20g u 0.20 g. Kif inghad izjed 'il fuq, il-piz totali tat-trab li kien fih id-droga kokaina kien ta' 2.77 grammi, fil-waqt illi l-piz totali tat-trab li kien fih id-droga eroina kien ta' 1.98 grammi.

Il-Qorti tqis illi huwa ferm sinjifikanti illi l-imputat instab fil-pussess ta' ben erbgha u ghoxrin qartas – b'piz totali kemm ta' droga eroina, kif ukoll ta' droga kokaina li ma jistax jinghad li kien wiehed negligibbli – u li l-pizijiet tal-qratas kienu fil-maggor parti taghhom jew identici jew vicin hafna ta' xulxin. Il-Qorti tqis il-fatt li d-droga tqassmet b'tant precizjoni fi hmistax-il qartas min-naha u disat iqratas min-naha l-ohra bhala wiehed krucjali. Dwar is-sottomissjoni tad-difiza, partikolarment fir-rigward tad-droga eroina, illi hija usanza li din tinqasam fi qratas biex il-pussessur ikun jaf x'qed jiehu u ma jipperikolax hajtu b'*overdose,* il-Qorti tirrileva fl-ewwel lok, illi huwa fatt ben risaput illi d-droga tinbiegh fi qratas. Fit-tieni lok, l-Qorti tqis illi fil-maggor parti taghhom, il-qratas kienu maqsuma b'tant precizjoni u kien fihom ammonti li juru li l-imputat ma tantx kellu diffikulta` jikkalkula anke ammonti zghar hafna ta' droga, liema precizjoni fil-kalkolu tal-ammont, l-imputat wasal ghaliha minkejja li ghandu ma nstab l-ebda mizien elettroniku jew xi mizien ta' tip iehor. Tqis ukoll illi minkejja li l-imputat kien jabbuza mid-droga, ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex kellu joqghod izommhom kollha fuqu u jigri barra bihom u ma

jirrizulta xejn mill-atti li b'xi mod jissostanzja dak li tghid id-difiza fis-sottomissjoni taghha fis-sens illi jista' jkun li huwa kien igorr id-droga mieghu biex ma jsibuhiex membri tal-familja tieghu, tant li lanqas ma jirrizulta mill-atti ma' min kien jghix l-imputat fiz-zmien in kwistjoni.

Imbaghad il-Qorti tqis ukoll illi kif jghid hu stess fl-istqarrija tieghu, fl-istess zmien l-imputat ma kienx jahdem. L-imputat kien jikkonsma d-droga, li naturalment kienet tiswieh il-flus u ried ukoll flus biex jghix. F'dawn ic-cirkostanzi, huwa tassew inverosimili illi l-imputat ma kellux dhul iehor minn banda ohra sabiex tal-inqas imantni l-vizzju tieghu.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi c-cirkostanzi li fihom instabet id-droga, il-mod preciz kif kienet maqsuma, in-numru ta' pakketti, kif ukoll l-ammont tad-droga nvoluta u s-sejba ta' din id-droga fuq il-persuna tal-imputat li in oltre fiz-zmien in kwistjoni ma kellux impjieg, iwasslu lill-Qorti sal-konvinciment morali illi tali cirkostanzi jindikaw illi d-droga eroina u kokaina ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Issa fit-trattazzjoni finali taghha, id-difiza tissottometti wkoll illi sabiex tinstab htija fl-imputat tar-reat ta' pussess aggravat, huwa mehtieg li jirrizulta lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, mhux biss il-pussess tad-droga in kwistjoni, izda wkoll l-element intenzjonali ossia illi l-imputat kellu l-intenzjoni li jispaccja l-istess droga.

F'dan il-kuntest, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Mallia**, moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 (Appell Nru. 130/1999), fejn inghad hekk fir-rigward tar-reat in kwistjoni:

*"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i)*

*tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma 'uzu' il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe` li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmaha."*

Huwa car ghalhekk illi l-ligi taghna ma tirrikjedix l-*animus* fl-imputat li jispacca d-droga lil terzi, sabiex tinstab htija ta' pussess bl-aggravanti, izda huwa sufficjenti illi jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi l-pussess tad-droga ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu. Dwar dan, il-Qorti diga` esprimiet ruhha izjed 'il fuq u fic-cirkostanzi tal-kaz, jidhrilha illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fil-grad rikjest mil-ligi.

L-imputazzjoni (c) tirrigwarda l-pussess da parti tal-imputat ta' medicina psikotropika u ristretta ossia s-sustanza *methadone*. Jirrizulta mix-xhieda ta' PS 1174 Adrian Sciberras, illi mir-residenza tal-imputat u specifikatament mill-kamra tieghu, huwa eleva flixkun u kontenitur tal-*plastic* b'likwidu ahdar suspettat *methadone*, liema sustanza, skond il-konkluzjonijiet tax-Xjenzat Godwin Sammut, tirrizulta illi hija *methadone*. Kif inghad, din is-sustanza insabet fil-kamra tal-imputat u ghalhekk fil-pussess tieghu. Issa ghalkemm l-istess sustanza fil-fatt m'hijiex medicina psikotropika u ristretta, kif indikat fic-citazzjoni odjerna, biss hija sustanza kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima I, tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-pussess illegali tas-sustanza *methadone* bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 101.

Permezz tal-imputazzjoni (d), imbaghad, l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u permezz tal-imputazzjoni (e), l-imputat qed jigi akkuzat talli naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PC 213 Nikolai Borg waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu jew ma halliehx jew fixklu waqt il-qadi ta' dmirijietu ai termini tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9.

L-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 jikkontempla tlett elementi essenzjali ghall-kostituzzjoni ta' dan ir-reat:

Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew ir-resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita` ghalhekk mhux sufficjenti ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat. Il-Professur Mamo ikompli jghid hekk: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*". In oltre l-attakk jew ir-resistenza trid tkun necessarjament akkompanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghall-htija taht din id-disposizzjoni tal-ligi.

Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita` li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dan ir-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku, hija necessarja. Altrimenti l-element formali ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat ikun nieqes.

Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew ir-resistenza kontra l-ufficjal pubbliku isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita` kompetenti. Il-Professur Mamo jkompli jghid:

*“Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.”*

U kif inghad fis-sentenza moghtija fis-26 ta’ Jannar 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Borg**:

*“Biex jissusisti r-reat irid ikun hemm bhala minimu xi forza llegittima diretta lejn jew ezercitata fuq il-persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza llegittima tigi ezercitata, irid ikun tali li jkun tendenti, ossia li jkollu l-potenzjalita` li jikkaguna hsara lill-persuna tal-Ufficjal Pubbliku, zghira kemm hija zghira dik il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-kaz konkret ebda hsara ma tigi effettivament ikkagunata u anke jekk l-agent ma jkollu ebda intenzjoni li jikkaguna tali hsara. Biex ikun hemm dan ir-reat, l-agent irid ikun mhux biss attakka ‘il fatto di prendere l'offensiva’ jew irrezista ‘il fatto di prendere la difensiva’ lill-Ufficjal Pubbliku, izda li tali attakk jew resistenza tkun giet maghmula permezz ta' vjolenza jew b’hebb*.”

Issa f’dan il-kaz, jirrizulta car mill-provi prodotti illi hekk kif PC 213 Nicolai Borg identifika ruhu mal-imputat bhala pulizija, l-istess imputat kien ser jipprova jahrab u ghalhekk l-istess PC 213 qabadlu jdejh. F’dak il-mument, l-imputat beda jaghti daqqiet ta’ ras fuq sider PC 213 u ghalkemm il-kollegi ta’ PC 213 marru sabiex jghinuh u jipprovaw jikkontrollaw is-sitwazzjoni, f’liema waqt huma bdew jghidu lill-imputat sabiex jieqaf u li huma kienu pulizija, l-istess imputat baqa’ jirrezisti l-arrest ghal xi hin. Kien biss wara li PC 213 sab bott tal-

pilloli fil-but tal-imputat li jidher li rnexxielhom jikkontrollaw is-sitwazzjoni u l-imputat imbaghad ittiehed gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zabbar. Jirrizulta wkoll mill-verbal tas-seduta tas-27 ta' Frar 2009, illi d-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq il-prova li PC 213 huwa effettivament membru tal-Korp tal-Pulizija u kkoncediet illi PC 213 huwa pulizija.

Fil-fehma tal-Qorti, dan l-agir tal-imputat, kif deskritt fix-xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija prezenti, certament illi jammonta ghall-rezistenza bi vjolenza fuq ufficjal tal-pulizija u dan f'mument meta l-istess PC 213 Nicolai Borg, flimkien mal-kollegi tieghu, kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni lilu moghti skond il-ligi, apparti illi l-imputat konsapevoli tal-fatt illi kemm PC 213 Nicolai Borg, kif ukoll l-kollegi tieghu kienu ufficjali tal-pulizija ghaliex identifikaw ruhhom mieghu, ippersista f'dan l-agir aggressiv tieghu u baqa' jirrezisti l-arrest, u dan anke wara li ntervjenew l-ufficjali tal-pulizija li kienu prezenti flimkien mal-istess PC 213.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni (d) tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi. In kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni (e), huwa car mill-provi mressqa u tenut kont ta' dak li ntqal izjed 'il fuq, illi m'hemmx dubju illi l-imputat naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PC 213 Nicolai Borg u li fixklu waqt il-qadi ta' dmirijietu u ghaldaqstant, anke din l-imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata.

Fl-ahharnett, fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva, ossia l-imputazzjoni (f), il-Prosekuzzjoni esebiet sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi tad-9 ta' Marzu 2005, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Sup. Neil Harrison) vs Freddie Delia u Roderick Delia.[13] F'dan ir-rigward, fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2009, id-difiza ddikjarat illi kienet qeghda tezenta lill-Prosekuzzjoni milli ttella' xhieda dwar l-identita` tal-imputat f'dik is-sentenza.[14] Jirrizulta mill-istess sentenza illi l-imputat gie kkundannat ghal

[13] A fol. 55 *et seq* tal-process.
[14] A fol. 52 tal-process.

piena ta' hames snin prigunerija oltre multa ta' Lm1,000 u ghaldaqstant, huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok, il-fedina penali aggornata tal-imputat, mil-liema jirrizulta illi l-imputat gie kkundannat ghall-hames snin prigunerija effettiva in konnessjoni ma', fost ohrajn, traffikar ta' droga eroina, raza tal-*cannabis* u pilloli *ecstasy*, flimkien mal-aggravju tad-distanza, gie kkundannat ukoll ghal piena ta' multa fir-rigward ta' pussess tad-droga kokaina, inghata liberazzjoni kundizzjonata fir-rigward tar-reat taht l-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sentenza ta' prigunerija sospiza in konnessjoni mar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 68(2) tal-Kap. 9, talli kkaguna offiza ta' natura hafifa u dwar diversi reati kontravvenzjonali.

Ikkunsidrat ukoll illi l-imputat instab fil-pussess ta' erbgha u ghoxrin qartas, mil-liema hmistax-il qartas kienu jikkontjenu d-droga kokaina, fil-waqt illi disat iqratas kienu jikkontjenu d-droga eroina, f'pizijiet totali ta' 2.77 grammi u 1.98 grammi rispettivament.

Mill-banda l-ohra, qieset ukoll illi skond ix-xhieda tal-Ufficjal tal-*Probation*, Joanna Farrugia li xehdet diversi drabi f'dawn il-proceduri[15] u li bdiet issegwi lill-imputat fuq Ordni Temporanja ta' Supervizjoni mahruga fis-27 ta' Frar 2009, illi matul is-snin, hija rat kambjament kbir fl-istess imputat u li wara Awwissu 2011, huwa beda jattendi ghall-appuntamenti maghha b'mod regolari u l-kampjuni tal-eroina li kien jaghti kienu jirrizultaw negattivi ghal sustanzi illeciti. Anke waqt li kien qed jinzamm gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin bejn it-3 ta' Gunju 2010 u s-26 ta' Awwissu 2011, irnexxielu jzomm il-boghod mid-droga. Skond l-istess Ufficjal tal-*Probation* ghall-habta ta' Mejju 2013, l-imputat qata'

[15] Ara xhieda tal-istess Ufficjal tal-*Probation* a fol. 60 *et seq* tal-process, a fol. 70 *et seq* tal-process, a fol. 74 *et seq* tal-process u a fol. 96 *et seq* tal-process.

anke l-*methadone* u beda jahdem. Fl-ahhar xhieda taghha tal-21 ta' Mejju 2014, hija qalet illi l-imputat baqa' miexi 'l quddiem u li kien ghamel progress kbir, hajtu kienet stabbli hafna u kien jinsab f'xoghol regolari minn Ottubru 2013[16].

Ghaldaqstant, fil-waqt illi l-Qorti qeghda mill-banda l-wahda tiehu in konsiderazzjoni l-gravita` tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, li inkwantu jirrigwarda dawk ikkontemplati fl-ewwel zewg imputazzjonijiet, igibu maghhom piena ta' prigunerija tassattiva, min-naha l-ohra l-Qorti zgur illi ma tistax tinjora l-progress enormi li ghamel l-imputat f'hajtu u l-isforzi li ghamel sabiex joqghod il-boghod mill-vizzju tad-droga.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a), (b) u (d) u d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9, fir-rigward tal-piena pekunjarja tassattivament applikabbli ghall-imputazzjonijiet (a) u (b) u l-piena pekunjarja li qeghda tapplika din il-Qorti fir-rigward tal-imputazzjoni (c). Il-Qorti tqis ukoll l-imputazzjoni (e) bhala kompriza u nvoluta fl-imputazzjoni (d).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17 (b) u (f), 49, 50, 96(a) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghal **piena ta' tnax-il (12) xahar prigunerija effettiva –** li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati nzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dan il-kaz - u ghall-piena ta' **multa ta' disa' mitt Euro (€900)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin

[16] Dan jirrizulta wkoll mid-dokumenti esebit a fol. 91 u 92 tal-process.

Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda b'din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jivverifika din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed fiz-zmien lilu preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuta.

Il-Qorti tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' tlett mija u sitt Euro u sitta u hamsin centezmu (€306.56) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 1184 Patrick Grech, ammontanti ghas-somma ta' erbgha u tletin Euro u wiehed u disghin centezmu (€34.91), ammontanti b'kollox l-istess spejjez ghas-somma ta' tlett mija, wiehed u erbghin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€341.47). Din is-somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien sena mil-lum, b'dan illi jekk huwa jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga, formanti parti mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi huwa ferm importanti illi l-hati jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jibqa' l-boghod mill-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------